ĦAL GĦAXAQ — 375 SENA PARROĊĊA (3)

# L-attività ta' matul is-sena

minn J.C. CAMILLERI



Fil-bidu ta' din is-sensiela żgħira rajna kif Ħal Għaxaq sar parroċċa mill-Arċimatriċi ta' Santa Katerina ta' Lixandra taż-Żejtun. Mal-medda tas-snin il-komunità Għaxqija kibret u għalhekk kien hemm bżonn ta' knisja parrokkjali ġdida.

Maż-żmien l-Għaxqin żejnu l-knisja parrokkjali tagħhom b'opri ta' l-arti. Ġabu diversi artisti biex iżejnu din il-knisja. Ġabu l-krema tal-pitturi Maltin u anke x'uħud mill-artisti riċenti. L-istatwa titulari ngħatat bħala rigal iżda ordnaw diversi statwi u vari tal-passjoni. Komplew f'din it-triq għaliex żejnu l-knisja b'opri kbar bħat-tużell u lampier tal-fidda.

## Festi

F'din il-parroċċa hemm diversi drawwiet li ħafna minnhom kienu introdotti mit-tliet fratellanzi li hemm. L-ewwel waħda kienet dik tas-Santissimu Sagrament. Barra din twaqqfet il-fratellanza tal-Madonna tar-Rużarju u dik ta' San Ġużepp. Dawn il-fratellanzi ħolqu sew festi u purċissjonijiet kif ukoll każini.

Il-festa ta' Santa Marija hi waħda mis-seba' festi li jsiru f'Malta nhar il-15 ta' Awissu. F'dan il-jum kienu jsiru s-seba' visti fil-knejjes dedikati lil Santa Marija. Barra dik ta' Ħal Għaxaq ikun hemm il-festa tal-ġirien ta' din il-komunità — il-Gudja, ta' l-Imqabba u tal-Qrendi kif ukoll ta' Ħ'Attard u tal-Mosta. F'Għawdex kien hemm dik tal-Katidral.

Il-festa esterna ta' Santa Marija ssir mis-Soċjetà ta' Santa Marija. Din is-Soċjetà torganizza t-tiżjin u l-logħob tan-nar li jkun hemm bżonn għal din il-festa. Għall-Għaxqin din hi l-festa titulari.

Il-fratellanza ta' San Ġużepp żviluppat ukoll każin. Dan il-każin hu tas-Soċjetà Ġużeppina ta' dan ir-raħal u jieħdu ħsieb il-festa esterna ta' din il-komunità ad unur San Ġużepp. Din għall-Għaqxin hi l-festa sekondarja. Din is-soċjetà wkoll tarma tiżjin u tieħu ħsieb il-logħob tan-nar li jkun hemm għall-festa ta' San Ġużepp. Dan ifisser li Ħal Għaxaq, flimkien ma' Ħal Kirkop, Ħaż-Żebbuġ u r-Rabat, jorganizzaw festa ad unur dan il-qaddis. Bid-differenza li fiż-żewġ parroċċi ta' Ħal Għaxaq u ta' Ħaż-Żebbuġ dawn huma organizzati mill-knejjes parrokkjali waqt li dik tar-Rabat hi organizzata mill-Arċikonfraternita ta' San Ġużepp fil-knisja tal-patrijiet Franġiskani magħrufa bħala Ta' Ġiesù.

## Aktar fratellanzi

Il-fratellanza tal-Madonna tar-Rużarju twaqqfet ukoll f'din il-parroċċa. Din torganizza l-purċissjoni u l-festa ad unur il-Madonna tar-Rużarju. Din m'hix xi festa ewlenija f'dan ir-raħal. Il-Fratellanza tas-Sagrament torganizza l-purċissjoni tal-Qalb ta' Ġesù kif ukoll torganizza s-sepulkru li jintrama matul il-Ġimgħa Mqaddsa u jinfetaħ nhar Ħamis ix-Xirka. Din torganizza wkoll il-purċissjoni ta' *Corpus*.

Il-kult tal-passjoni sab art fertili f'din il-parroċċa. Wieħed irid jifhem li Ħal Għaxaq ħiereġ mill-parroċċa ta' Santa Katerina ta' Lixandra. Din il-parroċċa għandha kult kbir tal-passjoni. Mhux ħaġa stramba li dan il-kult li forsi seta' twieled fost il-parruċċani ta' Ħal Għaxaq kompla jiżdied fost l-Għaxqin. Tant li l-purċissjoni tal-passjoni fil-bidu tagħha kienet issir f'Ħamis ix-Xirka ftit wara t-tmiem tal-funzjonijiet li kienu jsiru fil-knisja parrokkjali. Tgħid dan kien isir biex jattendu n-nies għal din il-purċisjoni mill-parroċċi sew ta' Ħal Għaxaq u sew mill-parroċċa taż-Żejtun?

## Żewġ purċisjonijiet

Dan il-kult welled żewġ purċissjonijiet, waħda tad-Duluri u oħra tal-passjoni. Dan ifisser li Ħal Għaxaq hu wieħed mill-20 knisja li għandu s-sitt tal-vari tal-passjoni. Ħal Għaxaq għandu sett ta' vari tradizzjonali. L-influwenzi li kien hemm fis-snin 60 u li komplew fis-snin 70 fuq il-vari tal-passjoni nħassu biss għal dawk li huma żidiet li saru fuq l-istatwi tal-Vara l-Kbira u dik tal-Veronika. Ma kienx hemm żieda ta' vari u lanqas bdil ta' vari. Forsi l-kobor tal-knisja illimita l-kapaċità biex in-numru ta' vari jiżdied?

Il-purċissjoni bdiet tiġi organizzata f'Ħadd qabel il-festa tal-passjoni — Ħadd il-Palm. Dak li seħħ fil-parroċċa ta' Ħal Għargħur seħħ ukoll fil-parroċċa ta' Ħal Għaxaq. Fil-Għargħur kien hemm żewġ purċissjonijiet li jikkompetu ma' dik li toħroġ mill-parroċċa. Qed nirreferi għall-purċissjonijiet tan-Naxxar u tal-Mosta. Għall-purċissjoni ta' Ħal Għaxaq kien hemm dik taż-Żejtun li kienet waħda miż-żewġ purċissjonijiet li kienu bdew iġibu t-tibdil fil-purċissjonijiet tal-passjoni f'Malta.

Ħal Għaxaq sab il-muftieħ biex isalva l-purċissjoni tiegħu. L-ewwel u qabel kollox fl-1972 il-Kappillan Dun Karm Zammit biddel il-jum tal-purċissjoni għal Ħadd il-Palm. U t-tieni l-purċissjoni daħħlet persunaġġi libsin ilbies jew storiku jew bibbliku.

## Il-purċissjoni tal-passjoni

Għall-ewwel din il-purċissjoni kienet waħda penitenzjali. Kienu jieħdu sehem irġiel iġorru slaleb u lanterni kif ukoll salib ċkejken ma' qaddhom. Xi rġiel kienu jkunu wkoll mgħammdin u uħud minnhom kienu jimxu wkoll ħafjin. Barra minhekk fil-purċissjoni, bħal kull purċissjoni Maltija u Għawdxija ta' din it-tip fiha numru ta' bandalori. Hemm is-sett tas-Seba' Kelmiet. Dawn huma rrakkmati. Hemm ukoll dik tal-SPQR. Din hi wkoll tal-bellus irrakkmat u bl-ittri tad-deheb. Din ta' l-aħħar saret għas-spejjeż ta' Carmela Pace. B'kollox jieħdu sehem 200 persuna. Ta' min jgħid li hemm ftehim bejn iż-żewġ każini tal-banda ta' dan ir-raħal li sena ddoqq banda u sena banda oħra.

Din il-parroċċa għandha storja twila u l-knisja parrokkjali hi mgħammra bi ħwejjeġ artistiċi ta' valur kbir fuq skala nazzjonali. Barra minhekk hemm drawwiet li jorbtu lil din il-komunità mal-bqija tal-komunità Maltija u Għawdxija.

Dan kollu seħħ f'dawn it-375 sena ta' ħajja bħala parroċċa indipendenti.

**REFERENZA**

Dan it-tagħrif ingħata lili mis-Sur Karmnu Agius 'Ħabbarija'.